Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,464, 4 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 124 tal-2025

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolament tal-2025 biex jemenda r-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan ir-regolament magħmul mill-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dan ir-regolament jista' jissejjaħ bħala r-Regolament tal-2025 biex jemenda r-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali, ippubblikati bħala Avviż Legali 221 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan ir-regolament għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2025 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. (1) L-istudenti li jiksbu Kretti meta jkunu rreġistrati f'korsijiet offruti minn din l-Università jista' jkollhom il-Kretti aċċettati mill-Bord tal-Istudji biex jiġu trasferiti fil-Programm,
diment li jekk dawn il-Kretti jkunu ġew diġà meqjusa għal għotja ta' kwalifika oħra ta' din l-Università jew ta' università oħra kif approvat mis-Senat, nota għal dan il-għan għandha tiġi nkluża fit-*transcript* jew fid-*Diploma Supplement* maħruġa.

(2) It-trasferiment ta' Kretti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jista' jiġi approvat biss jekk (i) l-istudent ikun interessat li jsegwi kwalifika ta' livell ogħla fi ħdan dan il-Programm; u (ii) l-istudent huwa ikun meħtieġ li jsegwi għadd ta' mikrokredenzjali offruti miċ-Ċentru minn għadd totali ta' Kretti meħtieġa għall-għoti tal-kwalifika kif ġej:

Verżjoni Elettronika

(a) għas-Certificate in Liberal Studies mill-anqas 8 Kretti għandhom jittieħdu mill-Programm;

(b) għad-Diploma in Liberal Studies mill-anqas 16-il Krettu għandhom jittieħdu mill-Programm;

(c) għall-Higher Diploma in Liberal Studies mill-anqas 24 Krettu għandhom jittieħdu mill-Programm;

(d) għall-grad ta' Bachelor in Liberal Studies mill-anqas 32 Krettu għandhom jittieħdu mill-Programm.